MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 1034/2006

**John Borg (ID 775956M), u b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2009 l-atti gew trasfuzi f'isem Rita Borg (ID 57560M) mart il-mejjet John Borg**

***kontra***

**Jesmond Borg (ID 313865M)**

**Il-Qorti :**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fis-17 ta' Novembru 2006 li jaqra hekk -

*1. Illi l-esponent huwa gabillott full time u jahdem ir-raba' biswit ir-raba' mahduma minn huh l-intimat ossija r-raba' msejjah ix-Xaghra ta' l-Isqof fil-Buskett limiti tar-Rabat Malta ;*

*2. Illi f'dan ir-raba' hemm kamra fejn l-esponent ilu ghal dawn l-ahhar snin jahzen attrezzaturi tar-raba' u prodotti ohra varji relatati mal-mestier tieghu ;.*

*3. Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru elfejn u sitta (2006) l-intimat, ad insaputa tar-rikorrenti u minghajr il-kunsens tieghu, stalla bieb f'din l-imsemmija kamra (ritratt DOK A) u b'hekk fixkel lill-esponent fil-pussess u ppreklud ieh mill-access ghal hwejgu mahzuna fl-imsemmija kamra ;*

*4. Illi ghad li nterpellat permezz ta' ittra datata 3 ta' Ottubru 2006 sabiex jirreintegra l-esponent fil-pussess u jikkonsenja kopja tac-cwievet, l-intimat baqa' inadempjenti (DOK B) ;*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti prevja kull dikjarazzjoni jew ordni li joghgobha timponi fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi l-fatt li l-intimat Jesmond Borg stalla bieb fil-kamra msemmija fir-raba' msejjah ix-Xaghra ta' l-Isqof limiti tar-Rabat (Malta) jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin ;*

*2. Tikkundanna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju jerga' jirreintegra lill-esponent fil-pussess antecedenti ghall-ispoll ;*

*3. Fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent sabiex a spejjez ta' l-intimat jaghmel dak kollu bzonnjuz u necessarju sabiex jerga' jirriprendi pussess tal-kamra msemmija u l-oggetti ta' go fiha.*

*Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra interpellatorja datata 3 ta' Ottubru 2006 kontra l-konvenut Jesmond Borg b'riserva ghal kull azzjoni ta' danni li tispetta lill-esponent.*

**Rat** il-lista ta' dokumenti presentata mill-attur, flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati minnu.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-konvenut presentata fil-11 ta' Jannar 2007 li taqra hekk -

*1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur peress illi ma jirrikorrux it-tliet elementi mehtiega ghar-riuxxita' tal-actio spolii ; di fatti l-attur ma kellux il-pussess univoku, materjali u di fatto tal-kamra in kwistjoni, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*2. Illi fil-fatt, minn meta l-partijiet f'din il-kawza, li kienu bi shab bejniethom fix-xoghol tar-raba', kienu nfirdu ghall-habta ta' Gunju 2004, l-attur kien ha l-oggetti kollha lilu appartenenti (oltre ghal oggetti ohra appartenenti lir-rispondent u oggetti li kienu tat-tnejn bi shab) minn gol-kamra in kwistjoni u ma baqax jaghmel uzu minnha u ma kienx ghad ghandu pussess materjali tal-istess kamra.*

*3. Illi r-rispondent kien ilu zmien twil jippossjedi din il-kamra, illi huwa t-titolarju as eskluzjoni tal-attur, esklussivament u ghalhekk il-fatt li stalla bieb ta' barra ghal din il-kamra huwa att perfettament legittimu mwettaq mir-rispondent u li bih huwa ma spoljax lill-attur minn pussess illi l-attur effettivament ma kellux.*

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

**Rat** id-digriet taghha tal-5 ta' Ottubru 2009 fejn, wara l-mewt tal-attur fil-mori tal-kawza, din il-Qorti ordnat li l-atti tal-attur fil-kawza jigu trasfuzi f'isem l-armla tieghu Rita Borg (ID 57560M).

**Rat** il-verbal tal-access li sar fit-3 ta' Novembru 2009 fil-post mertu tal-vertenza bejn il-partijiet (fol 89-90).

**Gharblet** u qieset bir-reqqa l-provi tal-partijiet.

**Semghet** it-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2010 li kienet registrata fuq it-*tape* u debitament traskritta.

**Rat** id-digriet taghha tat-8 ta' Frar 2010 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat –**

**<u>L-Isfond</u>**

Il-kontendenti huma ahwa. Ir-raba' kollu maghruf bhala x-Xaghra ta' l-Isqof fil-Buskett limiti tar-Rabat kien imqabbel lil missier il-kontendenti. Meta l-missier irtira, ir-raba' baqa' jinhadem bi shab mill-kontendenti. In segwitu ma baqghux bi shab u r-raba' nqasam bejn dawn iz-zewgt ahwa li bdew ihallsu l-qbiela lill-Ufficcju Kongunt (sid ir-raba' kollu) kull wiehed ghar-raba' li mess lilu u li kien jahdem. Huma kienu jaghmlu uzu minn kamra li fiha kienu jinzammu ingenji u ghodod tar-raba' kif ukoll kimika bhal sulfat ghall-uzu agrikolu. Il-kamra ma kellhiex bieb u lanqas ebda xorta ta' gheluq. Fiha kienu jzommu wkoll il-prodott tar-raba' ghall-kenn l-aktar mis-shana u anke gieli stkennew fiha huma wkoll meta taghmel ix-xita u jinsertaw fl-eghlieqi. Wara l-qasma, il-kamra giet fir-raba' mqabbel lill-konvenut izda l-uzu baqa' jsir mit-tnejn. Maz-zmien inqala' disgwid u nkwiet bejn iz-zewgt ahwa li wassal ghal kawzi bejniethom fosthom din tal-lum.

Il-kontestazzjoni fil-kawza tal-lum hija din : minn naha wahda l-attur ighid li ghalkemm baqa' jaghmel uzu tal-kamra tant li kien ghad kellu hwejgu hemm gew, fit-28 ta' Settembru 2006, il-konvenut wahhal bieb tal-hadid fil-ftuh tal-kamra u qieghed katnazz bla ma tah kopja tac-cavetta b'mod li kien privat mill-access ghall-kamra ; min-naha l-ohra il-konvenut sostna li l-attur kien ilu s-snin ma jaghmel ebda uzu tal-kamra tant li ma kien fadallu xejn minn tieghu go fiha. Ghalhekk ma avzax lill-attur li kien se jwahhal il-bieb u jaghmel il-katnazz sabiex ma jibqax igarrab serq ta' affarijiet li kien jahzen fil-kamra.

Ghalhekk l-attur jallega li garrab spoll. <u>Min-naha tieghu, il-konvenut jirribatti li ma jistax ikun hemm spoll ghaliex l-attur ma kellux il-pussess rikjest mil-ligi</u> ghad li z-zewg elementi l-ohra tal-azzjoni ma kienux kontestati.

**Ikkunsidrat –**

**<u>Id-Dritt</u>**

1. L-iskop ewlieni ta' azzjoni ta' spoll huwa radikat fuq esigenzi ta' utilita' socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, sabiex ikun imhares l-ordni pubbliku, sabiex jigi skansat id-dizordni civili, u sabiex jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-gustizzja b'idejh. Il-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat ("**<u>Fenech vs Zammit"</u>** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 12 ta' April 1958).

2. Il-posizzjoni legali f'kawza ta' din ix-xorta tingabar bl-aktar mod <u>car u preciz</u> fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-6 ta' Ottubru 2000 fil-kawza fl-ismijiet **<u>"Buttigieg vs Buttigieg"</u>** (Vol.LXXXIV.II.789) –

… *l-elementi essenzjali biex l-azzjoni ta spoll privileggjat tkun tista' tregi huma l-pussess da parti ta' l-ispoljat, il-prova li jkun sehh l-att spoljattiv ta' dak il-pussess b'mod vjolenti jew klandestin da parti tal-ispoljant, u l-azzjoni tkun giet intavolata mill-ispoljat fi zmien xaghrejn minn mindu jkun gie kommess l-att spoljattiv.*

***<u>Kwantu ghall-pussess, il-ligi tikkontempla l-pussess materjali, kien liema kien, u mhux il-pussess animo domini, u l-konvenut f'kawza ta' reintegrazzjoni mhux lecitu li jinvestiga x-xorta ta' pussess ta' l-attur. Sahansitra l-azzjoni ta' spoll privileggjat tista' tigi ezercitata anke kontra l-istess propjetarju, meta dan ikun l-awtur tal-ispoll</u>***, (enfasi u sottolinear ta' din il-Qorti)

*u mhix permessa ebda eccezzjoni dilatorja qabel jigi reintegrat l-ispoll ...*

***<u>Konsegwentement ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita' tal-pussess turbat u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-possessur in</u>***

***mala fede. It-tribunal ghandu jezamina biss il-fatt tal-pussess u l-fatt tal-ispoll.*** (enfasi u sottolinear ta' din il-Qorti)

… *Pero' huwa mehtieg li l-attur jipprova li ghandu un possesso di fatto.*

… *il-Qorti ghandha tillimita l-ezami taghha ghall-fatt tal-pussess jew detenzjoni, skond il-kaz, bla ma tidhol fil-petitorju.*

… *kull kwistjoni fuq il-materja ta' dritt tigi investigata fil-petitorju…*

3. Dwar it-trattazzjoni ta' kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Cardona et vs Tabone"** deciza fid-9 ta' Marzu 1992 affermat car u tond li din l-indagni li trid taghmel il-Qorti trid tkun limitatissima, rigoruza u skarna ghaliex -

… (l-azzjoni ta' spoll) *hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt, arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss – kif ighid bl-aktar mod car l-Art.791(1) tal-Kapitolu 12, li, sfortunatament jigi hafna drabi injorat …*

**(ara wkoll is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell fil-kawza "Ripard et noe vs Fenech et" tad-19 ta' Mejju 2000 [Vol.LXXXIV.II.285] ; u fil-kawza "Farrugia et vs Cutajar et" tas-6 ta' Ottubru 2000 [Vol.LXXXIV.II.1051])**

**Ikkunsidrat -**

**Il-Provi**

Mill-assjem tal-provi tal-partijiet, johrog dan il-kwadru ta' fatti li dwarhom hemm qbil u dwar ohrajn fejn hemm kontestazzjoni netta.

Fit-28 ta' Settembru 2006, il-konvenut qieghed il-bieb tal-hadid fil-ftuh tal-kamra in kwistjoni u qaflu b'katnazz. Qabel dakinhar, il-kamra kienet dejjem miftuha u minghajr bieb.

Il-konvenut la avza lill-attur li kien ser iwahhal il-bieb u jaqflu b'katnazz, u lanqas tah kopja tac-cavetta tal-katnazz.

L-attur ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat.

Go din il-kamra, iz-zewgt ahwa kontendenti kienu jzommu ghodod, ingenji u prodotti ghall-uzu fir-raba' : uhud minn dawn l-oggetti kienu taghhom biss u ohrajn kienu tat-tnejn bi shab. Dwar dan il-punt, il-kontestazzjoni tinsab fil-fatt li minn naha wahda l-attur ighid li anke wara li l-konvenut u hu ma baqghux shab u qasmu r-raba', xorta wahda kien hemm ftehim li jibqa' jsir uzu komuni ta' ngenji tar-raba' u ta' xi kmamar (fosthom dik in kontestazzjoni) kif ukoll tal-gwiebi u l-ispiera, u riferibbilment ghall-kamra in kwistjoni, isostni li baqa' jaghmel uzu minnha sa dakinhar li twahhal il-bieb tant li l-affarijiet tieghu baqghu fiha u ma setax johodhom, waqt li l-konvenut specifikament ghall-kamra in kwistjoni jsostni li fiz-zmien ta' l-qasma l-attur bena zewg garages fir-raba' tieghu u meta lesta mill-bini tat-tieni garage fi zmien ir-referendum ghad-dhul ta' Malta fl-UE tal-2003 huwa nehha hwejgu minn gol-kamra u hadhom fil-garage ; wara ma baqax jaghmel uzu tal-kamra. Tressqu x-xhieda in sostenn ta' tesi kontra ohra. Ix-xhieda kienu n-nisa tal-kontendenti, wlied l-attur, oht il-kontendenti u zewgha, familjari ohra u persuni li jiffrekwentaw l-eghlieqi tal-partijiet.

Wara l-qasma, il-kamra giet fil-parti tar-raba' li messet lill-konvenut. Il-kontendenti ma baqghux bi shab f'Gunju 2004.

Dettall li hareg waqt il-gbir tal-provi izda li fil-kuntest tal-bqija tal-provi l-ohra ghandu rilevanza huwa li wara li bena t-tieni garage, wara li jigbor il-prodott mill-ucuh tar-

raba' tieghu, l-attur ma baqax iqieghed il-prodott fil-kamra bhal fi zmien is-sajf sabiex jiskansa l-prodott mis-shana izda beda iqieghed kollox direttament fil-garage tieghu. Dan id-dettall li rrizulta minn xhieda li ressaq il-konvenut (Carmen Borg a fol 41-42 u Joseph Borg fol.43-44) ma giex kontradett mill-attur.

Ir-raguni li gab il-konvenut ghala qieghed il-bieb u qaflu kien is-serq ta' oggetti tieghu li kellu fil-kamra. Ghalkemm kellu suspetti dwar min kien responsabbli, ma jsemmi l-isem ta' hadd. Kienet x'kienet il-motivazzjoni tal-konvenut, din il-Qorti tghid bhala punt ta' dritt li *ghall-"actio spolii", l-ispoljant ma jistax jirrispondi "in difesa" li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagni tal-legittimita' jew le hija riservata ghall-gudizzju petitorju* (**<u>"Agius et vs Agius" – Qorti tal-Appell – 2 ta' Novembru 1994 – Vol.LXXVIII.II.319</u>**).

**Ikkunsidrat –**

**<u>Il-Piz tal-Prova</u>**

Kif kien accettat mill-partijiet stess fil-verbal li ghamlu fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2010 (fol 10) il-vertenza hija mpernjata <u>biss</u> dwar il-kwistjoni tal-pussess. Fuq l-attur jinkombi l-oneru tal-prova ta' *un possesso di fatto* (**<u>Vol.XXXII.II.238</u>**) u cioe' jekk fiz-zmien meta il-konvenut ghamel il-bieb u sakkru, l-attur kienx bhall-konvenut possessur jew detentur tal-kamra.

Din il-Qorti tghid li kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B'hekk il-gudikant ikun f'qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fl-assjem tal-provi, u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet (**<u>"Caruana vs Laurenti"</u>** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **<u>"Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib"</u>** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981 ; **<u>"Vassallo vs Pace"</u>** –

Vol.LXX.II.144 u **"Zammit vs Petrococchino"** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Min-naha tieghu l-konvenut huwa assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax l-oneru tal-prova tal-legittimita' u fondatezza tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta' gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement pruvati.

Il-premess jissarraf kollu kemm hu fil-principju li jirregola l-piz tal-prova u cioe' x-xjenza tal-fatt allegat ghandu jigi pruvat mill-persuna li qed tallega dik ix-xjenza. Del resto hekk jipprovdi wkoll l-Art.562 tal-Kap.12 u fil-kaz li din il-prova ma tkunx adegwata jew fil-kaz ta' dubbju l-allegata xjenza ghandha tigi rigettata **("Theuma vs Mercieca" – Qorti tal-Appell – 20 ta' Frar 1996 ; "Fenech Clarke et vs Borg et" – Qorti tal-Appell – 30 ta' Mejju 1997)**

**Ikkunsidrat –**

**Ir-Risultanzi**

Din il-Qorti tghid li ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminix dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosimili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**"Borg vs Bartolo"** – Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980).

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti sabet divergenza fil-verzjonijiet dwar il-punt krucjali tal-pussess.

Dwar dan l-ghamla ta' konflitt, din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-24 ta' Novembru 1966 fil-kawza **"Farrugia vs Farrugia"** qalet hekk –

*Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lil Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu*

*minn dejem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tass-oliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi l-ohra, anke fuq il-bilanc ta' probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

Mill-kumpless tal-provi, johrog car li l-kamra in kwistjoni kellha uzu ghaz-zewgt ahwa kontendenti meta kienu jahdmu flimkien u bi shab ir-raba' <u>kollu</u> li kien imqabbel lil missierhom. F'dan iz-zmien, hadd minnhom ma kien jaf fejn hu tieghu peress li r-raba' kollu kien jinhadem minnhom it-tnejn u l-bicca l-kbira tal-ingenji, tal-ghodod u tal-prodotti ghall-uzu fir-raba' kienu bi shab u tat-tnejn.

Is-sitwazzjoni nbidlet meta nqala' dizgwid bejniethom, qasmu r-raba' bejniethom u ma baqghux aktar shab.

Jinghad li fir-raba' li mess lill-attur huwa bena zewg garages. Skond ix-xhieda, il-bini tal-ahhar wiehed intemm fl-ewwel erba' xhur tal-2003 pero' l-qasma saret f'Gunju 2004. Ghal din il-Qorti, ghall-fini tal-mertu ta' din il-kawza, is-sekwenza tad-dati mhix daqstant vitali. Li certament huwa rilevanti huwa li l-firda tar-raba' b'kull parti tiehu taghha sehh aktar minn sentejn qabel il-konvenut wahhal il-bieb. Issa hawn jista' jinghad li ghalkemm l-ahwa qasmu r-raba' kien ghad hemm ambjenti, ghodod u ingenji li baqghu ghall-uzu jew propjeta' tat-tnejn. In partikolari, il-magna tal-hart Howard (li din il-Qorti hadet vizjoni taghha waqt l-access) kienet propjeta' tal-kontendenti u kienet ghadha fil-kamra.

<u>Bhala fatt irrizulta</u> li wara l-qasma l-kamra giet taghmel parti mir-raba' tal-konvenut, u meta saret il-qasma, l-attur kien diga' bena l-*garages* fejn mess lilu skond il-qasma. Issa hawn jidhol l-element krucjali ta' dak li huwa verosimili. Mela meta l-ahwa qasmu diga' kien hemm id-dizgwid bejniethom, u l-kamra giet taghmel parti mir-raba' li mess lill-konvenut. <u>Ghal din il-Qorti, la huwa</u>

verosimili u lanqas probabbli li wara l-qasma, l-attur baqa' jaghmel uzu tal-kamra, u jhalli hwejgu go fiha, meta l-kamra kienet barra mir-raba' tieghu, kienet minghajr gheluq u barra mill-kontroll tieghu, u fuq kollox meta l-attur kellu l-garages tieghu fejn jahzen hwejgu. Waqt l-access, ingieb ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti bhala fatt inkontestat li l-magna tal-hart Howard kienet propjeta' tat-tnejn u kienet ghadha fil-kamra. Fl-istess waqt ingieb a konjizzjoni tal-Qorti min-naha ta' Rita Borg li fil-kamra kien hemm hwejjeg ohra appartenti lil zewgha, asserzjoni kontestata mill-konvenut.

Mill-provi ma rrizultax li l-attur ghamel uzu mill-magna tal-hart Howard qabel jew wara l-allegat spoll. Il-pussess li trid il-ligi ghall-fini tal-azzjoni odjerna huwa dak materjali *de facto* ikun x'jkun (ara – **Vol.XXIV.I.658 / Vol.XXVII.I.503 / Vol.XXXVII.II.642 / Vol.XXXVIII.I.280**). Isehh ir-rekwisit tal-pussess anke meta l-ispoljat ikollu semplici detenzjoni **(Vol.LXX.III.570)**. Il-pussess ma ghandux ghalfejn ikun ghal zmien twil izda jista' jkun qasir hafna u sahansitra tal-mument (**Vol.XXXVII.II.642**). Inoltre *sabiex tirnexxi azzjoni possessorja mhux mehtieg li l-attur ikun sofra privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil tad-drittijiet jew hsara lil min isofri l-ispoll* **("Mintoff et vs Schembri et" – Qorti tal-Appell – 27 ta' Marzu 2003 – Vol.LXXXVII.II.149**). Fil-kuntest ta' dawn l-insenjamenti, bil-fatt li l-magna tal-hart Howard baqghet fil-kamra ma jfissirx li fiz-zmien meta l-konvenut qieghed il-bieb, l-attur ghamel il-prova tal-pussess materjali tal-kamra jew li kien ko-possessur taghha.

Fl-assjem tal-provi, din il-Qorti taghti affidament lill-konvenut fis-sens li wara l-qasma tar-raba', sentejn qabel, l-attur ma baqax jaghmel uzu tal-kamra in kwistjoni u ghalhekk kellux il-pussess rikjest mil-ligi.

U dak li huwa verosimili jsostni t-tezi tal-konvenut kontra dik tal-attur li lilu kien jispetta l-piz tal-prova tal-fondatezza tat-talbiet tieghu.

Ix-xhieda tal-partijiet kienu n-nisa taghhom, ulied l-attur, oht il-kontendenti u zewgha, familjari ohra u persuni li jiffrekwentaw l-eghlieqi tal-partijiet. Kollha xehdu bl-affidavit u whud minnhom sarilhom kontroezami. Minn dak li xehdu, kien evidenti f'uhud minnhom, min-naha wahda li certi stqarrijiet li ghamlu anke jekk b'gurament ma sarux jafuhom *di scienza propria* izda minn haddiehor, fi stqarrijiet ohra hija evidenti lejn min miz-zewgt ahwa s-simpatija taghhom kienet tpendi (ara x-xhieda ta' Joseph Borg a fol 43-44) waqt li fl-istqarrijiet tal-familjarji diretti bhan-nisa u l-ulied toqghod perfett ghalihom l-espressjoni li *d-demm qatt ma jsir semm.*

Din il-Qorti thassbet meta gharblet ix-xhieda in kontroezami ta' l-attur (fol 61). Rilevanti u vitali kienet id-domanda x'halla fil-kamra l-attur ghall-uzu fir-raba' fil-kamra wara l-qasma. L-attur wiegeb li meta nfirdu *kien ghad fadalli niehu xi affarijiet minn go din il-kamra.* Issikkat biex iwiegeb x'kien ha mieghu, wiegeb - *ma nafx x'hadt*.

Ghal din il-Qorti stqarrija ta' din ix-xorta <u>hekk importanti</u> mhix kredibbli. Ghandu jitqies li l-konvenut kien qed jallega li huh ha kollox mieghu biex iqieghed kollox fil-garages tieghu, imbaghad jigi l-attur li jistqarr li ma kienx jaf x'ha mieghu ! Ahseb u ara, allura, kemm jaf x'halla minn tieghu fil-kamra ! *Ironikament* imbaghad tliet snin wara l-akkadut, fl-access, tigi martu li kapaci tidentifika oggetti (ghajr il-magna tal-kart Howard) li tghid li kienu ta' zewgha !

Fl-istess kontroezami, l-attur jixhed li wara l-qasma ghamel uzu mill-kamra *biex nistkenn fiha*. Din il-Qorti tistaqsi : it-tiftix tal-kenn temporanju minhabba xita jew xemx ghandu jissoddisfa l-kriterju tal-pussess ? L-istqarrija tal-attur : *kont nidhol fil-kamra skond il-bzonn* : hija inverosimili ghaliex il-kamra kienet intiza ghall-uzu prattikament kwotidjan u intimament relatat max-xoghol tar-raba' ; meta l-attur jafferma li l-kriterju ghall-attur kien sar *il-bzonn* ifisser ghal din il-Qorti li dak kien pretest facli ghalih biex jipprova li kien ghad kellu pussess meta l-assjem ta' kull ma gara wara l-qasma kien juri xort'ohra.

L-attur ighid li wara l-qasma huwa halla fil-kamra il-mutur tal-bexx u l-mower. Jista' jkun dan ghamlu *forsi* biex issostni l-pussess pero' verosimili li hekk kien meta tqis li l-kamra kienet fir-raba' ta' huh il-konvenut li mieghu kellu l-inkwiet, li l-kamra kienet bla gheluq mank kellha bieb, u meta l-*garages* tieghu kienu komdi bizzejjed biex jahzen fihom ?

It-tezi attrici ma taghmilx sens.

Kollox ma' kollox hemm imbaghad l-istqarrija ta' Rita Borg (mart l-attur) li tafferma – din il-Qorti tghid sorprendentement - li wara li l-konvenut qieghed il-bieb u qaflu - *qatt ma fittixna ghall-affarijiet li baqghu fil-kamra jew ghad-danni* (fol 68). Ghal din il-Qorti, dawn it-tasselli tal-mosajk fil-kuntest tal-assjem tal-provi jkomplu jsostnu l-konvizjoni ta' din il-Qorti li wara l-qasma l-attur ma baqax jaghmel uzu tal-kamra u ghalhekk ma kellux pussess taghha ghall-fini tal-azzjoni odjerna. Din il-kamra baqghet biss ghall-uzu kontinwu u regolari tal-konvenut wahdu.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez jithallsu fl-intier taghhom mill-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------